# LORENZO GAFA

## F'MEWTU ... U WRAJHA

**Anton Attard**

**M'ilux wisq, wara riċerki li saru fl-arkivju tal-Parroċċa tal-Birgu, tneħħa kull dubju li kien hemm dwar fejn twieled l-arkitett famuż Lorenzo Gafa'. Ġie kkonfermat li tgħammed fil-Knisja Parrokkjali tal-Birgu fl-4 ta' Awissu,1639. Fl-istess riċerka, nkixfet relazzjoni tal-kappillan tal-Birgu Dun Karlu Colonia, dwar l-aħħar sigħat u l-mewt ta' dan l-arkitett Vittoriosan, nhar id-19 ta' Frar 1703, fl-istess belt.**

Colonia kiteb li Gafa' miet għal għarrieda meta kellu 64 sena, wara li kien ilu marid f'soddtu għal xi żmien. Ġie msejjaħ biex jassistih il-Viċipargu Zerafa, Dan għamel kulma seta biex jara li Gafa' kien niedem minn-nuqqasijiet li seta' kellu u wara li l-moribond wera li għamel dan, taħ l-assoluzzjoni. Imma laħaq miet qabel ma' l-qassis amministralu l-Griżma tal-Morda u l-Vjatku.

L-istess kappillan Colonia kien preżenti meta Gafa' ndifen filgħaxija tal-istess jum, fil-Knisja Parrokkjali ta' San Lawrenz. (1)

### DAK LI NSTAB F'DARU

Ħames ġimgħat wara mewtu, ħareġ aktar dwar Gafa'. Fis-27 ta' Marzu tal-istess sena, sar inventarju ta' dak li nstab f'daru wara mewtu. Dan għadda għand Fabrizio Spiteri, quddiem ix-xhieda Cesare Mifsud u Saverio Grech, it-tnejn mill-Birgu. (2)

Permezz ta' dan l-inventarju, nieħdu idea tad-dar fejn kien joqgħod, li kienet komposta minn sala, mezzanin, u kmamar oħrajn fis-sular ta' fuq u f'dak t'isfel. Dak li nstab fihom kien dan li ġej:

*Fis-Sala* - Kwadru bi xbieha ta' San Pietru fi gwarniċ indurat, kobor ta' ħamest ixbar b'erbgħa, flimkien ma' ieħor ta' l-istess qaddis fil-ktajjen, fi gwarniċ indurat ukoll ta' madwar ħamest ixbar.

Kwadru ieħor mingħajr gwarniċ b'David u Sansun, b'daqs ta' ħamest ixbar.

Kwadru ieħor mingħajr gwarniċ bil-Madonna, il-Bambin u San Gwann Battista.

Żewġ kwadri mingħajr gwarniċ, wieħed b' San Pietru Martri u l-ieħor b'San Duminku.

Kwadru ieħor fi gwarniċ abjad, b' San Pietru flimkien ma' persunaggi oħra qed jistadu minn fuq dgħajsa. (is-sajda mirakoluża?)

Kwadru tal-istess daqs bil-Bambin Ġesu' f'girlanda tal-fjuri.

Kwadru ta' l-istess daqs fi gwarniċ abjad bi xbieħa tal-Madonna bil-Bambin, Sant'Anton Abbati u San Filippu Neri.

Żewġ kwadi bil-gwarniċ indurat ta' xi tlett ixbar bix-xbihat ta' San Pietru u San Pawl.

Kwadru tawwali mingħajr gwarniċ bil-Qtugħ ir-Ras ta' San Gwann.

Erba' kwadri mingħajr gwarniċ, b'erba wċuħ b'daqna twila.

Sitt kwadri bi gwarniċ indurat, tlieta minnhom b'veduta tal-baħar u t-tlieta l-oħra ta' bliet.

Kwadru ta' San Franġisk d'Assisi fi gwarniċ abjad ta' madwar żewġt ixbar.

Erba' kwadri oħra bi gwarniċ indurat bi fjuri diversi.

Żewg ritratti mingħajr gwarniċ ta' ħuh Melchiorre.

Basso Riliev tal-fuħħar bil-Kruċifissjoni.

Żewġ kwadretti ta' xiber 'il wieħed. Wieħed bl-Adorazzjoni tal-Maġi u l-ieħor b'Santa Marija Maddalena.

Stampa bil-Kruċifissjoni ta' Kristu, fi gwarniċ iswed b'disinji kulur id-deheb.

Statwa tal-ġibs tal-Gran Mastru Kottoner il-kbir.

Tila ta' madwar erbat ixbar, mingħajr tilar, bil-Martirju ta' San Lawrenz.

Żewġ saqqijiet żgħar u żewġ imħadded mimlijin bis-suf.

Tliet tavolini, waħda minnhom fuq mejda qadima, erba' skambelli, tnejn minnhom tal-ġewż u tliet siġġijiet tal-ġewz.

Xabla żgħira bil-maqbad tal-fidda.

Figuri tal-ġibs ġo kaxxa qadima u tnax oħra fl-art.

Żewġ kaxxetti nfurrati bil-ġild.

Ħames siġġijiet tal-qasab żgangati.

12-il ktieb imdaqqas ta' l-arkitettura flimkien ma' 6 oħra iżgħar. 23 oħra iżgħar minn dawn, flimkien ma' 20 oħra iċken. Magħhom għadd ta' disinji u aktar kotba bl-istess suġġett taħt mejda.

4 braġ irħam ta' kuluri diversi.

*Fil-kamra ta' fuq* - Sodda bit-testiera u saqajn immaljati, b'żewġ imħaded tas-suf.

Xkubetta qadima b'żewġ kontenituri għall- porvli li jiddendlu minn fuq l-ispallejn.

Kurċifiss kbir skolpit fl-injam, damiġjana miksija bil-qasab u diversi disinji f'kaxxa żgħira.

*Fil-Kmamar tal-Mezzanin* – Kaxxa tal-fagu mimlija balal tas-suf.

Żewg kwadri mingħajr gwarniċ bi xbieħa ta' Santa Katerina minn Siena.

Senduq qadim, tavolina, erba' suġġijiet tal-palja antiki, erba' skambelli u gradenza żgħira b'żewġt ikxaxen.

Kwadru qadim bi Kristu fl-Ort.

*Fil-Kmamar t'Isfel* – Kwadru kbir, mingħajr gwarniċ, bil-Waqgħa ta' Xmun is-Saħħar.

Tliet siġġijiet tal-ġild, l-istess bħal dawk li kien hemm fis-sala. Tnejn oħra qodma u tliet skambelli.

Bank bi tliet ħofriet tondi jixbaħ dawk li jitqiegħdu madwar it-tebut tal-mejtin.

Ġarra taż-żejt żgħira vojta.

Minn dan l-inventarju, jidher li, bħal ħafna artisti oħra, xogħol Lorenzu Gafa' ma tantx irrendielu rikkezzi, ħalla biss il-knejjes u bini monumentali ieħor, tant ammirati u apprezzati fi żmienna.

### Referenzi


(1). Ark, Parroċċa Vittoriosa, Liber Bapt. 1639 u Liber Mort. 1703.

(2). Banca Giuratale Rep. Mdina, Magna Curia Castellaniae, Reg. Inventarior Bonorium, Vol.I, 1700 -15, f.97.


© **Anton Attard**